MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.

## DEBORAH MIFSUD ATTARD

Seduta tat-28 ta' April, 2015

Talba Numru. 1/2014

**Atlas Insurance PCC Limite (C 5601)**
**kif surrogata fid-drittijiet tal-assikurat taghha M.Demajo (Wines and Spirits) Limited u l-istess M.Demajo (Wines and Spirits) Limited**

**Vs**

**Matthew Grech (ID. 89591M)**
**u Glen Rapinett (ID 383290M)**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz fl-ismijiet premessi pprezentat fis-6 ta' Jannar, 2014 fejn is-socjeta' attrici talbet is-somma ta' seba' mija u hmistax-il ewro sitta u tmenin centezmu (€715.86) mitluba b'dan l-avviz tirrapprezenta d-danni kollha sofferti mis-socjeta' attrici M.Demajo (Wines and Spirits) Limited, assigurat tas-socjeta' attrici Atlas Insurance PCC Limited, u li ghalihom ghamlu tajjeb in kwantu ghall-ammont ta' erba' mija u tmenin ewro sitta u tmenin centezmu (€480.86) is-socjeta' attrici Atlas Insurance PCC Limited, u in kwantu ghall-ammont ta' mitejn hamsa u tletin ewro (€235) l-istess socjeta' attrici M.Demajo (Wines and Spirits) Limited in linea ta' excess

payment', bhala rizultat ta' incident illi sehh fi Triq Zekka, il-Belt Valletta, fit-22 ta' Dicembru, 2011 (Dok. 'A') meta waqt li l-vettura bin-numru ta' registrazzjoni FBP-843 kienet ipparkjata fl-imsemmija triq, liema vettura tappartjeni lis-socjeta' attrici M.Demajo (Wines and Spirits) Limited, waqa' parti minn 'scaffolding' ghal fuq l-istess vettura waqt li din l-istruttuta kienet qed tizzarma mill-konvenuti jew minn minnhom.

Ghaldaqstant, il-konvenuti jew minn minnhom kienu unikament responsabbli ghall-imsemmi incident u ghal konsegwenzjali danni, rizultat ta' negligenza, traskuragni u imperizja.

Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittra ufficjali tal-4 ta' April, 2013, u bl-imghax legali b'effett mill-4 ta' April, 2013 sad-data tal-pagament effettiv kontra l-konvenuti, bl-ingunzjoni in subizzjoni tal-konvenut.

Il-konvenut Matthew Grech ipprezenta risposta fil-5 ta' Mejju, 2014 fejn eccepixxa illi preliminarjament, il-konvenut mhuwiex illegittimu kontradittur fl-azzjoni proposta quddiem dan it-Tribunal u konsegwentement l-eccipjenti ghandu jigi liberat mill-osservanza tal-gudizzju stante illi m'ghandu l-ebda konnessjoni ma' l-incident in kwistjoni.

Illi l-azzjoni hija nfondata fil-fatt u fid-dritt.

Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Il-konvenut Glenn Rapinett ipprezenta risposta fit-18 ta' Frar, 2014 fejn eccepixxa illi preliminarjament il-konvenuti ma huwiex il-legittimu kontradittur fl-azzjoni proposta quddiem dan it-Tribunal u konsegwentament l-eccipjenti ghandu jigi liberat mill-osservazzjoni tal-guridiku stante li:

1) La ghandu kummisjoni mal-incident in kwistjoni:

2) Illi huma biss impjegat ma kumpanija li kienen koperta b'assikurazzjoni:

3) Illi l-azzjoni ghal daqstant hija infondata fil fatt u fid-dritt

U dan salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Illi mill-provi jirrizulta illi Glenn Rapinett kien qed izarma scaffolding u f'dan il-mod waqghet bicca hadida fuq karozza li kienet that l-iscaffolding. Il-konvenut l-iehor Matthew Grech kien qieghed isfel jiehu l-bicciet tal-iscaffolding li kien qed inewillu Glenn Rapinett.

Giet kjamata in kawza il-kumpanija Project Technique li min naha taghha ipprezentat risposta fil-11 ta' Marzu, 2015 fejn eccepiet illi preliminarjament t-talba u l-pretensjonijiet kif diretti fil-konfront tal-kjamat in kawza Project Technique Limited kif debitament rapprezentata minn Kurt Abela hija preskritta bid-dekors taz-zmien u dana a tenur tal-artikolu 2153 tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta.

Illi bla pregudizzju ghas-suespost il-kjamata in kawza ma kkawza ebda danni lis-socjeta' rikorrenti kif suggerita u ghaldaqstant ghandha tkun liberata mill-osservazzjoni tal-gudizzju.

Jirrizulta car illi l-hsara saret fuq il-vettura pero il-kwistjoni hija min hu responsabbli ghal din il-hsara.

Il-konvenut Matthew Grech johrog car illi ma kellu ebda konvolgiment fl-incident hlief kien isfel igor il-hadid.

Il-kumpanija kjamata in kawza qatt ma giet notifikata u ghalhekk meta giet kjamat in kawza lahqet skadiet il-preskrizzjoni. Huwa nuqqas tal-konvenut Glenn Rapinett illi qatt ma kiteb jew avvicina lil kumpanija Project Technique fiz-zmien sabiex tidhol responsabbli tal-akkadut.

It-Tribunal ghalhekk wara li semgha x-xhieda tal-konvenuti huwa tal-fehma li r-responsabilita waqghet biss fuq Glenn Rapinett li kien qed ihott l-iscafolding.

It-Tribunal ghalhekk jaqta' u jiddecidi billi jilqa' it-talbiet attrici filwaqt illi jilqa' l-eccezzjonijiet ta' Matthew Grech jichad l-eccezzjonijiet ta' Glenn Rapinett u jikkundanah ihallas is-somma ta' seba' mija u hmistax-il ewro sitta u tmenin centezmu (€715.86) bl-imghax legali mid-data tas-sentenza sad-data tal-pagament effettiv.

Bl-ispejjez tal-kawza jkun a karigu tal-konvenutn Glenn Rapinett.

**Avukat Dr. Deborah Mifsud Attard B.A. LL.d**
**Gudikatur**

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------